MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 372/2001/1

**Kemmuna Limited**

**vs**

**Jos. Vincenti & Co. (1911) Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fil-25 ta' April, 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, liema somma teccedi s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) izda ma teccedix is-somma ta' hames mitt lira (Lm500) rapprezentanti d-danni sofferti mis-socjeta' attrici u liema danni gew ikkawzati mis-socjeta' konvenuta konsistenti fil-valur ta' 'rotary hammer' (950X) ikkonsenjat mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta f'Novembru, 2000 (u dan skond "Job Card" Numru 9000288 li kopja taghha giet annessa u mmarkata bhala Dok "A") sabiex is-socjeta' konvenuta taghmel xoghol ta' tiswijiet u riparazzjonijiet fuq l-imsemmi 'rotary

hammer’ (950X), liema ‘rotary hammer’ (950X) qatt ma gie ritornat mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici minkejja li s-socjeta’ attrici nterpellat lis-socjeta’ konvenuta diversi drabi ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta’ konvenuta kkonsenjat fit-23 ta’ Novembru, 2000 ir-Rotary Hammer li kien ghandha ghat-tiswija.

2. Illi jirrizulta illi r-Rotary Hammer issewwa u tbiddlu diversi spare parts li s-socjeta’ konvenuta ma thallsitx ghalihom ga la darba dan l-oggett ghandha ghat-tiswija u ghalhekk ghas-spejjez taghha bidlet ghat-tieni darba l-parts.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta’ attrici kienet xtrat *rotary hammer tad-ditta Cango* numru *950 X* minghand Grech Central Stores, Ghawdex. Dan l-istabbiliment huwa *sub-agent* tas-socjeta’ konvenuta illi timporta dan it-tip ta’ *rotary hammer.* F’xi zmien il-makkinarju zviluppatlu xi hsara u ntbaghat Malta ghat-tiswija ghand is-socjeta’ konvenuta. It-tiswija giet affettwata u l-makkinarju ritornat, izda milli jidher ma kienx qed jiffunzjona tajjeb u rega’ ttiehed lura ghand is-socjeta’ konvenuta. Ma hemmx dubbju illi l-makkinarju gie konsenjat lis-socjeta’ konvenuta darbtejn. X’gara minnu wara t-tieni darba hija l-kontroversja li nqalghet bejn il-partijiet. Filwaqt illi s-

socjeta’ konvenuta qieghda tinsisti li l-makkinarju gie moghti lura lis-socjeta’ attrici, minn naha l-ohra din ta’ l-ahhar qieghda tghid illi qatt ma rceviet xejn.

Fil-fatt Joseph Saliba li huwa l-manager tas-socjeta’ attrici xehed illi f’Jannar, 1999 il-makkinarju ntbaghat ghat-tiswija, gie lura u rega’ ntbaghat. Dik is-sena, 1999 sgur li ma ntuzax. Meta nduna li l-makkinarju huwa nieqes, kellem lil Mrs Vassallo direttrici tas-socjeta’ konvenuta li qaltlu li l-makkinarju ma kienx ghandhom. Meta l-partijiet ma setghux jitfiehmu giet istitwita din il-kawza.

Xehdu f’din il-kawza wkoll John Portelli *Head of Maintenance and Marine Manager,* Vince Cassar li kien jokkupa din il-kariga qablu li kollha xehdu illi jafu l-makkinarju gie konsenjat darbtejn lis-socjeta’ konvenuta, izda qatt ma regghu rawh wara t-tieni konsenja.

Edwina Vassallo a fol 42 tikkonferma li l-valur tal-makkinarju gdid huwa ta’ erba’ mija u tnejn u disghin lira (Lm492) [fol 45]. Taccetta wkoll illi l-makkinarju gie konsenjat fl-istabbiliment taghhom f’Novembru, 1999 minn Vincent Cassar. Gew effettwati xi xogholijiet fuqu u skond hi gie ritornat ghax fuq ir-records illi ghandhom hdejn l-item li jiddeskrivi l-oggett hemm il-kelma “*closed”.* Skond Mrs Vassallo din hija t-terminologija li juzaw meta l-oggett ikun konsenjat. F’dan il-kaz peress illi kienet it-tieni darba illi l-makkinarju kien qed jissewwa ma giex mitlub hlas u ghalhekk ma ntalab l-ebda dokument u lanqas ma hargu xi dokument biex juru l-konsenja ta’ l-oggett. Is-Sinjura Vassallo baqghet tinsisti li dik il-kelma “*closed”* fil-*print out* hdejn n-numru ta’ l-oggett konsenjat ghaliha kien ifisser li gie ritornat.

Mhux l-istess pero’ qalet Mary Caruana li hija segretarja tas-socjeta’ konvenuta u li ilha tokkupa din il-kariga ghal ghoxrin sena. Mitluba tispjega s-signifikat tad-dokument a fol 65 qalet li meta l-*job card* tkun maghluqa tfisser li dina harget mid-dipartiment taghna. Din id-dikjarazzjoni giet kwalifikata aktar l-isfel fejn kompliet tghid li ghal fini tad-dipartiment taghha l-*job card* jigi “*closed”* meta x-xoghol ikun lest u d-dokumenti jintbaghtu l-*accounts* biex tohrog l-

*invoice.* Spiccat ix-xhieda taghha billi qalet *“ma jfissirx li l-makkinarju jkun gie kkonsenjat lill-klijent.”*

Fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti hija konvinta u sodisfatta illi l-makkinarju in kwistjoni gie kkonsenjat lis-socjeta’ konvenuta darbtejn ghat-tiswija. X’gara minnu t-tieni darba pero’ mhuwiex car. Zgur illi d-dokumenti u x-xhieda juru illi ghat-tieni darba s-socjeta’ konvenuta hadet konsenja ta’ l-oggett izda ma ngabet l-ebda prova li gie konsenjat lura lis-sid. Id-dokument a fol 65 esebit mis-socjeta’ konvenuta mhuwiex il-prova ta’ konsenja, izda biss dokument intern biex juri illi x-xoghol fuq il-makkinarju sar u jista’ jigi fatturat. Kif tajjeb qalet Mary Caruana meta spiccat ix-xhieda taghha, ma jfissirx li l-makkinarju jkun gie kkonsenjat lill-klijent. Ghalhekk id-dubbju jibqa’ fuq l-operat tas-socjeta’ konvenuta li ma osservatx il-kriterju ta’ “*bonus pater familias*” li trodd lura l-oggett hekk kif l-iskop tad-depositu jkun spicca.

Fil-kawza fl-ismijiet *“Anthony Tonna et vs Alexander D’Agata”* deciza mill-Prim Awla fl-10 ta’ Dicembru, 1996 il-Qorti qalet illi meta persuna jkun gie moghti oggett bi skop partikolari ghandu jiehu hsiebha bid-diligenza ta’ *“bonus pater familias”* u jekk l-oggett ikun sofra xi dannu, kellu jzomm l-oggett u jhallas lil sidha l-valur waqt li tittiehed in konsiderazzjoni d-diprezzament.

Skond id-dokument a fol 45 iffirmat mis-Sinjura Vassallo stess ir-*rotary hammer* in kwistjoni jiswa gdid l-ammont ta’ erba’ mija u tnejn u disghin lira (Lm492). Meta dan l-oggett gie konsenjat lis-socjeta’ konvenuta kien diga wiehed uzat fejn kien sofra xi hsarat precedenti u ghalhekk ovvjament il-Qorti ma tistax titratta l-makkinarju bl-istess konsiderazzjoni ta’ wiehed gdid u ghalhekk sejra tiffissa l-valur *“arbitrio boni viri”* fl-ammont ta’ tlett mitt lira (Lm300).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallasha s-somma ta’ tlett mitt lira (Lm300) rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta’ attrici kawzati mis-socjeta’ konvenuta meta

naqset li tirritorna lis-socjeta’ attrici ‘rotary hammer’ (950X) f’Novembru, 2000.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data ta’ din is-sentenza kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------